# MIN JIDHAK L-AHHAR

***Hrejjef Esopu***

***recta muzikali ghat-tfal zghar miktuba minn***

**Trevor Zahra**

**Jiehdu sehem:**

ESOPU (xih ghakka bil-baffi)
IL-VOLPI
CAWLA
RAGEL
TIGRA
HARUF
GHARNUQ
GHASAFAR VARJI

**ESOPU** *(Jitwiezen fuq bastun. Ghajjien. Imur jintasab bil-qieghda)*
Kemm inhossni ghajjien. Eh, sewwa jghidu... meta tixjieh ma tibqax li tkun... mhux biss tibda teghja u taqta' nifsek imma xi drabi tibda anki thawwad. Imma ta' lanqas ghadni ma nsejtx jien min jien. *(Jigi f'tieghu)* Jiena jisimni Esopu... u ghandi ragun inhossni ghajjien. Ili ghal dawn l-ahhar elfejn u hames mitt sena dejjem nirrakkonta l-istejjer. Aqwa minn ta' Xandir Malta! Iva xbin... dejjem nirrakkonta! Intom thobbu tisimghuhom xejn l-istejjer? It-tfal ihobbu jisimghuhom u x-xjuh ihobbu jirrakkuntawhom. Hekk sejra d-dinja!

Imma mhux ghax irrid niftahar... l-istejjer tieghi jhobbhom kulhadd. Kulhadd! *(B'lehen xi ftit aktar baxx)* Insomma... mhux kulhadd kulhadd! Ftit ilu kont hawnhekk ara, fuq dan l-istess bank. Ghajni marret bija u kont ghoddni rqadt, meta f'salt wiehed tfacca quddiemi l-Volpi. Intom tafuh lill-Volpi hux tassew...? *(Jibda jitmattar u jittewweb ghax rega' qabdu n-nghas u l-kliem li gej jghidu donnu nofsu mqajjem u nofsu le)...* annimal makakk... dejjem hsiebu biex... iqarraq bin-nies... il-Volpi.... *(jorqod)*

**JIDHOL IL-VOLPI**

**VOLPI** Makakk? Dazgur! Imma temmnux l-istejjer kollha li tisimghu fuqi. Dak *(juri lil Esopu)* qala' hafna minn zniedu dwari. Makakk... dazgur, imma tafu l-ghaliex jirnexxili nqarraq bl-annimali shabi? Ghax dawk kollha bla mohh u jekk tghaddi ftit taz-zmien bihom tkun qed taghmlilhom pjacir. Forsi sa fl-ahhar idahhlu ftit tas-sens go dik ir-ras vojta taghhom. U haga ta' l-ghageb... dejjem jaqaghufl-istess nassa. Hawn hi araha... riesqa c-CAWLA!

**TIDHOL IC-CAWLA B'BICCA GOBON F'MUNQARHA**

**VOLPI** Il-ghodwa t-tajba Sinjura CAWLA. Tafx li gejt apposta biex niltaqa' mieghek!
*(Lill-udjenza)* X'daqsxejn ta' bicca gobon dik! Xi tfuh! Araw kif se nobromhielha! *(mill-gdid lic-CAWLA).*

**VOLPI:** (Kanzunetta 1:)

**X'VUCI GHANDEK**

*("A Spoonful of Sugar" minn "Mary Poppins")*

Kulhadd jghid x'vuci ghandek
Lehnek jaqsam il-qlub...
Iferrah il-qlub,
Iserrah il-qlub;
Vuci helwa bhal tieghek
Jien ma naf li smajt qatt,
Zgur li bhalek m'ghandna 'l hadd!

Li kieku tirrekordja diska
Naf li taghmel successun,
Il-kopji tbighhom bil-miljun;
U ftakar sew f'dan li qed nghid:
Zgur titla' 'l fuq fil-"Hit Parade"
Bil-ferh... ittir...
Kantanta kbira ssir...

Kulhadd jghid x'vuci ghandek... ecc...

===================================

**CAWLA** *(Tnehhi l-gobna minn munqarha u zzommha f'idha)*
Grazzi Sur Volpi, tassew taf tkun kumplimentuz, imam jekk hsibtni se niftah halqi biex taqaghli l-gobna u tahtafha inti... sejjer imqarraq. Din l-istorja xbajt nismaghha u mintix se tidhak bija!

**VOLPI** *(Lill-Udjenza)* U x-xjafek.. din mhix cawla-mazzun imma CAWLA-cawlun! *(Lic-CAWLA).* U ma tarx f'kull wahda wkoll! Dik storja antika... hsibtni ma nafx kemm inti mohhok jilhaqlek... lanqas biss jghaddili minn mohhi li nidhak bik. Naf li inti wisq aktar intelligenti mill-ohrajn.

**CAWLA** Ta' lanqas... sa fl-ahhar qed titghallem xi haga!

**VOLPI** U inghidlek is-sew mill-ewwel indunajt li inti

intelligenti, ghax il-gobna ma bqajtx izzommha f'munqarek. Tidher li inti tafha l-bicca tal-gobna-tnejn!

**CAWLA** Gobna-tnejn? Din xi tkun...?

**VOLPI** U ejja... Sinjura CAWLA, tghidlix li ma tafhiex! L-ghasafar intelligenti kollha jafuha. Insomma forsi nsejtha hux... ikollok tant hsibijiet go mohhok!

**CAWLA** Hekk hu... hekk hu! Imma... nahseb li ahjar tfakkarhieli ftit, tafx! X'inhi din tal-"Gobna-tnejn"?

**VOLPI** Dazgur... l-annimali intelligenti kollha jafu li hemm sigriet kif bicca gobon tfaqqslek u ssirlek tnejn.

**CAWLA** Kif! X'inhu!? Iva.. iva... imma x'wahda din kemm sirt ninsa! Allura kif inhu sewwa das-sigriet?

**VOLPI** Ara.. kull ma trid taghmel hu li tgholli l-gobna 'l fuq u fil-hin tghid: "Seher, seher mnejn sa fejn - Gobna wahda sirli tnejn!" U malli tilqaghha lura flok gobna wahda jaqghu f'idejk zewg bicciet.

**CAWLA** *(Interessata fi kliemu)* Tassew? Iva... iva... issa ftakart. Dazgur... u fil-fatt kont se nippruvaha.Mela "Seher - seher mnejn sa fejn "..... *(Tgholliha 'l fuq izda l-volpi jkun pront jilqaghha hu!)*

**VOLPI** *(Jidhak)* ... W issa inti m'ghandek xejn!

**(CAWLA titlaq tigri warajh)**

**CAWLA** Ja halliel... gibha 'l hawn...

**VOLPI** *(jidhak u jigri 'l gewwa)* Seher seher mnejn sa fejn... kellek wahda w m'ghandek xejn!

**JIDHLU 'L GEWWA - ESOPU JISTENBAH**

**ESOPU** Anki fl-irqad nohlom bih dak l-imgharraq ta' Volpi. Xejn ma nghidilkom... jekk jigi jkellimkom oqoghdu attenti minnu ghax dejjem ikollu xi hsieb hazin iberren go mohhu. Insomma... lill-annimali l-ohrajn ukoll hekk kont ghidtilhom... imma xorta baqghu jafdawh.

***JIDHOL 'IL GEWWA - JOHROG RAGEL B'TIGRA ZZOMMU MINN GHONQU . FL-ISTESS HIN FUQ IL-PALK TRAMA FACCATA TA' GAGGA BIL-BIEBA TINFETAH U TINGHALAQ.***

**RAGEL** Le, jahasra, hallini... tikolnix... minfuq li Hlistek minn go dik il-gagga.

**TIGRA** Eh... dak messek rajtu qabel! Ma tafx li jien, bhala tigra ta' l-affari tieghi, xoghli hu li nattakka u niekol il-bnedmin!

**RAGEL** Imma ta' lanqas tikolx lili... propju lili li hlistek minn hemm gew. Mur sib lil xi haddiehor.

**TIGRA** Bhal issa inti hawn quddiemi u jiena ma tantx naf nissaporti l-guh.

**RAGEL** Jahasra jkollok hniena minni... ghandi l-mara u tlitt itfal u l-kunjata u zewg zijiet xjuh kollha joqoghdu mieghi...

**TIGRA** Mela jekk nieklok naghmillek pjacir, ghax nehilsek mill-problemi....

(Kanzunetta 2:)

**HENN GHALIJA**
"My Favourite Things" mill-film
"The Sound of Music"

**RAGEL**
Sinjura Tigra, nitolbok ismaghni
Hawn gharkobbtejja quddiemek, arani,
Ghandi familja u xoghol issemmix;
Henn ftit ghalija u la tikolnix....

Jekk tixtieq ikla kompluta w mimlija,
Mur sib xi wiehed li fih daqs bettija;
Ghandi riglejja tassew maghlubin,
Ara dirghajja kemm huma nixfin!.....

Inbati bl-azzma, biz-zokkor, bl-artrite,
Ili biss gimgha li fiqt minn bronkite,
Nixrob u npejjep u l-fwied ghoddu mar
Jekk tiekol lili tispicca l-isptar....

**TIGRA**
Qed tipprova... tittradini,
Imma dan ghalxejn...
Tghidx x'aptit ghandi;
Mhux se nibqa' b'xejn;
Ga ili bil-guh...
Jumejn!

**JIDHOL IL-VOLPI**

**VOLPI** Hawn x'gara dan il-biki kollu?

**RAGEL** Jahasra, aqbez ghalija inti, Sur Volpi... din it-Tigra tassew ghandha qalb ta' tigra... minfuq li hlistha minn gol-gagga, issa trid tikolni!

**VOLPI** Kif inhi din...(lir-ragel) Dan inti x'kont qed taghmel gol-gagga?

**TIGRA** Le... ***jiena*** kont gol-gagga...

**VOLPI** Jiena kont fil-gagga???? Ara toqghodx taqla' gideb fuqi!

**RAGEL** U ***jiena*** ftahtilha....

**VOLPI** Kif jista jkun li ***jiena*** ftahtilha jekk jiena ghadni kemm wasalt??

**RAGEL** U le jahasra x'int thawwad... mhux ***int... jiena!***

**VOLPI** Mhux int... jiena...??

**TIGRA** Stenna... stenna ftit. Naf biex inti gej! Tassewli inti maghruf ghall-hazen ta' mohhok, imma mieghi m'inti se taghmel xejn. Naf x'minghalik se tipprova taghmel. Tridni nerga' nidhol bil-gagga biex imbaghad issakkarni mill-gdid hemm gew. He..he.. hux tassew...?

**VOLPI** Li kieku **jien** nipprova nilghablek loghba daqshekk redikola inkun qed nuri mhux talli li miniex makakk kif ighidu, imma li jien tassew zmagat. *(jigbidha la genba)* Imbaghad nghiduha kif inhi... jien u inti t-tnejn annimali... u dak... heqq... bicca bniedem.Min qatt semaghha din li jien, annimali bhalek, inqarraq bik biex nehles lil bicca bniedem?

**TIGRA** Tafx li din qatt m'ghaddietli minn rasi. *(Tpoggi idha fuq palltu)*
Ghandek elf ragun...

**VOLPI** Anzi kont qed nahseb biex qabel ma tiekol lil dak il-haga rieqda, nidhku dahka bih u nghaddu siegha zmien.

**TIGRA** M'hawnx ghalik... inti tassew Volpi dhuli; mhux bhal dak l-iehor ta' l-istejjer. X'ghandek f'mohhok?

**VOLPI** Ghidlu li jekk joqghod jghajjat bhall-iljun tahfirlu. Aqta' kemm niehdu gost narawh jitbellah....

**TIGRA** Bravu... m'hawnx ghalik. *(lir-ragel)* Ersaq 'l hawn int. Ara... jekk ghandek hila tghajjat bhall-iljun, nahfirlek.

**VOLPI** Urih kif ghandu jghajjat.

**TIGRA** Hekk ara: "HAAAAAAMMMMM"

**RAGEL** Kollox sew: "HAAAAMMM"

***VOLPI U TIGRA JIDHKU BIH***

**VOLPI** Issa urih kif jaghmel is-serp.

**TIGRA** Iva, iva... issa trid taghmilli bas-serp... hekk ara: SSSSSSSS

**RAGEL** Kollox sew... SSSSSSS

**JIDHKU**

**VOLPI** Issa ghidlu jaghmillek bhall-amorin gol-qafas.

**TIGRA** Iva... ghamilli bhall-amorin gol-qafas... hekk ara: *(tidgol gol-qafas)* Hekk ara... ZIK-ZIK...
*(VOLPI jkun pront jaqfilha hemm gew!)*

**VOLPI** Issa ibqa' hemm gew, Sinjura Tigra... u oqghod ghamlilna bhat-Tigra gol-Gagga...

**TIGRA** Ja halliel u mbrolljun li int... iftahli qed nghidlek!

**RAGEL** Grazzi... Sur Volpi.... inti tassew qalbek tajba.

**VOLPI** *(B'idu fuq il-firroll)* Qalbi tajba xejn....newwilli l-kartiera u kull m'ghandek inkella nifthilha.

**RAGEL** Kollox sew... *(jaghtih il-kartiera)*

**VOLPI** U l-glekk *(ragel jaghtih il-glekk)*.... u l-kappell....

**JIBDEW DEHLIN 'IL GEWWA waqt li l-Volpi jkompli jghidlu:**

**VOLPI** U l-qmis... u l-qalziet... u z-zarbun....

**TIGRA** *(tghajjat minn gol-gagga)* Ja halliel!!!Halliel!!!

**KULHADD JITLAQ... JERGA' JIDHOL ESOPU.**

**ESOPU** Imma l-aktar grajja li ddejjaqni hija dik ta' meta l-Volpi qabad Haruf...! Li kont nista' ma kontx nirrakkontahielkom.... imma issa lhaqt ktibha u la darba ktibtha m'hemmx x'taghmel. Mela darba wahda l-Volpi qabad Haruf ckejken...

***JIDHOL IL-VOLPI JZOMM LILL-HARUF***

**VOLPI** Dazgur li nieklok... nieklok biex inpattihielek...

**HARUF** *(imwerwer)* Imma jahasra jien qatt m'ghamiltlek xejn...!

**VOLPI** Eh iva...? Tilaghbha ta' l-iblah hux? Se nieklok u npattilek ta' kollox

**HARUF** Imma tpattihieli ta' xiex??

(Kanzunetta 3:)
***LE - LE - LE***
*Yellow Submarine*

**VOLPI**
Ilu sena - lilek rajt
Konna ltqajna, taht il-hajt;
Ghidtli hafna hmerijiet,
Bdejt taqlaghli l-laqmijiet

**HARUF**
Le, le, le, jiena dan ma stajtx ghamilt;
Dan ma stajtx ghamilt,
Dan ma stajtx ghamilt;
Ghax sen' ilu lanqas kont twelidt,
Lanqas kont twelidt,
Lanqas kont twelidt!

**VOLPI**
'Mma ftit ilu - rajtek gej
Sraqtli l-ikel - jien bqajt b'xej';
Kiltli platt majjal ifuh;
Kelli nghaddi lejl bil-guh!

**HARUF**
Le, le, le, issa naf l'int tigdeb spiss,
Inti tigdeb spiss,
Inti tigdeb spiss;
Lanqas niekol ghax jiena nixrob biss;
Jiena nixrob biss
Jiena nixrob biss!

**VOLPI**
Iva naf - kont rajtek qrib;
Meta xrobtli dak l-inbid;
Sraqtli tazzi mimlijin
B'daqxejn wiski tassew fin!

**HARUF**
Le, le, le, giddieb daqsek qatt ma ssib,
Daqsek qatt ma ssib,

Daqsek qatt ma ssib;
Ommi ttini nixrob biss halib,
Nixrob biss halib,
Nixrob biss halib!

==========================

**VOLPI** Insomma issa tellajthomli! Hu x'inhu... jien ghandi l-guh. Iddicedejt li nieklok u se nieklok!

**JIDHOL ESOPU bi ktieb f'idu:**

**ESOPU** *(Lill-Volpi)* Stenna... u ieqaf fejn int. (Lill-udjenza) Ga ghidtilkom li din hi l-aktar storja li ddejjaqni u mhux se nhallih jispiccaha hekk.

**VOLPI** X'jigifieri ma thallinix nispiccaha hekk? Kif jista' jkun?

**ESOPU** Dazgur li nista'. L-istorja jien ktibtha u jien inhassarha. Hekk ara.... *(iqatta' pagna mill-ktieb)* Rajtx?! Issa inti ma tistax tieklu lill-Haruf ghax l-ahhar bicca ta' l-istorja nehhejtha.

**VOLPI** ciss... tirraguna wkoll..! U jien nibqa' bil-guh..!
*(lill-Haruf)*
Spiccajna bla xoghol xbin... imxi nirregistraw!!

***JIDHLU 'L GEWWA***

**ESOPU** Imma tahsbux li l-Volpi, makakk kemm hu makakk, dejjem gabha zewg. Darba wahda mar zmerg. Tafuha l-istorja ta' meta stieden lill-Gharnuq ghall-ikel u tah jiekol minn platt catt. Ghaddew xi sitt xhur u l-Gharnuq mess lilu li jistieden lill-Volpi ghall-ikel.

**ESOPU JIDHOL 'IL GEWWA. JOHORGU L-VOLPI U L-GHARNUQ.**

**VOLPI** Grazzi habib... nilqaghha bil-qalb l-istedina tieghek.

**GHARNUQ** Xejn formali tafx. Bnejt bejta gdida u se naghmel speci ta' *"Nest Warming Party"*. Niehdu gost narawk.

**VOLPI** Nigi... mela le... ikla qatt mhi ta' min jitfilha.

**GHARNUQ** U jkollna l-kant u z-zfin... u... skond ma smajt... jghidu li inti tghidx kemm tizfnu tajjeb ir-*Rave!*

**VOLPI** Taf int... nipprova nzomm ruhi aggornat!

**GHARNUQ** Sahha... ghal ghada mela!

**VOLPI** Sahha... sahha... ***GhARNUQ JIDHOL 'IL GEWWA***
Imma kemm hasibni beccun. Naf sew x'ghandu f'mohhu. Jien kont tajtu jiekol minn platt catt u issa se jipprova jpattihieli. Peress li huwa ghandu munqru twil se jaghtini niekol minn vazetti bl-ghonq irqiq. Imma kemm hasibni beccun! Ma jafx li ga ghandi kollox imfassal ga mohhi! Ha-ha-ha...

***JIDHOL 'IL GEWWA - JOHORGU FUQ IL-PALK GRUPP GHASAFAR FLIMKIEN MA' L-GHARNUQ.***

(Kanzunetta 4:)

***FORSI JITGHALLEM***

*"I'm Getting Married in the Morning"*

mill-film: *"My Fair Lady"*

**GHASAFAR** Il-Volpi llum se jiekol maghna,
Merhba specjali lkoll naghtuh,
U bl-akbar qima
Se ntuh taghlima,
Mill-hazen tieghu indewquh.

Forsi jitghallem - ma jqarraq b'hadd
Ghax ghandu habta
Jhawwad lil kulhadd!

Jghidu li l-garra gejja w sejra
Fl-ahhar tinkiser fl-art mal-qiegh,
U l-Volpi taghna
Malli jkun maghna,
Se jsib ukoll kappell jigih!

Forsi jitghallem....

Mhux biss il-Volpi jhaddem rasu,
Kultant jghaggbuk anki t-tfal zghar;
L-aktar li nfahhar
'L min jidhak l-ahhar
Ghax dak jidhakha zgur l-ahjar!

==============================

***JASAL IL-VOLPI***

**GHARNUQ** Merhba bik Sur Volpi... qed ixxommha r-riha ta' l-ikel?

**VOLPI** Biex inghidlek is-sew donni qed inxomm xi haga.

**GHARNUQ** Mela jaqbel ma nhallukx tistenna. Gharnuqetta, ibda newwel l-ikel.

**TIDHOL GHASFURA B'GABARRE LI FUQU JKUN HEMM ZEWG VAZETTI BL-GHONQ TWIL U RQIQ - WIEHED TAGhTIH LILL-GhARNUQ U L-IEHOR LILL-VOLPI**

**GHARNUQ** Kul u ffanga, Sur Volpi... lestejna dan l-ikel apposta ghalik. *(Il-Volpi jhares lejn il-vazett ujibda jdawru f'idu).* X'gara, Sur Volpi... l-ghaliex mintix tiekol?

**VOLPI** *(B'makakkerija)* Tahseb li billi gibtli l-ikel go vazett bhal dan mhux se jirnexxili nieklu? Tahseb li se nibqa' bil-guh? Hawn ara *(johrog platt zghir minn go hobbu)* Ara kemm hi facli.... inferragh l-ikel go dan il-platt u nieklu bla tbatija.

***IFERRAGH MILL-VAZETT GhAL GOL-PLATT U TINZEL SALT SKALORA....***

**VOLPI** Din x'inhi???? Din skalora!!!

***GHASAFAR KOLLHA JINFEXXU JIDHKU!!!***

**GHARNUQ** Kul Sur Volpi... kul minn gol-platt... Ma thobbhiex l-iskalora??

**VOLPI** <u>(Irrabjat)</u> Tassew keshin u hsiebkom biss biex tikkupjaw lil haddiehor. Cajt bhal dan jien biss nista' naghmlu. U tippruvaw kemm tippruvaw xorta wahda kulhadd se jibqa' jghid "MAKAKK DAQS VOLPI" u mhux "Makakk daqs Gharnuq!"

**JITLAQ 'IL GEWWA RRABJAT. JASAL ESOPU**

**ESOPU** *(jidhak huwa wkoll)* He-he-he... u l-ghasafar tant dahku u tant taru ma' l-erbat irjieh tal-foresta u qalu lil kulhadd bil-bicca kollha, li minn dak in-nhar 'l hawn, il-Volpi ma baqax jiggerra kif kien jaghmel qabel. Beda johrog biss bil-lejl...

**JOHROG IL-VOLPI... JIMXI BIL-MOD U JHARES MADWARU MBEZZA'...**

... dejjem jibza' li jiltaqa' ma' xi ghasfur li jersaq itir qribu u b'lehen gholi jghidlu...

**GHASAFAR KOLLHA:** Thobbha xejn l-iskalora Sur Volpi?

**Kanzunetta 4:**

**KULHADD** Jghidu li l-garra gejja w sejra
Fl-ahhar tinkiser fl-art mal-qiegh,
U l-Volpi taghna
Iltaqa' maghna,
U sab fil-pront kappell jigih!

Forsi jitghallem - ma jqarraq b'hadd
Ghax ghandu habta
Jhawwad lil kulhadd!

Mhux biss il-Volpi jhaddem rasu,
Kultant jghaggbuk anki t-tfal zghar;
L-aktar li nfahhar
'L min jidhak l-ahhar

Jekk tghodd ruhek mal-kbar
Xi drabi tispicc' aghar;
Min jidhak l-ahhar jidhak zgur
L-ahjar!

**S E P A R J U**

*********************************************